MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 725/2000/1

**Direttur Servizzi Korporattivi u digriet tad-19 ta' Settembru 2000 minflok il-kliem Direttur Servizzi Korporattivi fl-Ufficcju tal-Prim Ministru jitnizzlu Director Staff Development Organization fl-Ufficju tal-Prim Ministru**

**Vs**

**Alfred Accarino u b'digriet tat-13 ta' Mejju, 2002 Silvio Accarino gie kjamat fil-kawza.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz in ezami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-Ufficcju tal-Prim Ministru bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis-6 ta'Jannar 1999 fil-limiti tal-Furjana, waqt li l-konvenut kien qed isuq

il-vettura XXS 001, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura numru GVN 219 propjeta' tal-attur, u kkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta'disa' mija u hamsin lira u erba' centezmi (Lm 950.04), jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Ittra Ufficjali tat-18 t'Awissu 1999 kontra l-istess konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

**<u>Rat id-digriet</u>** moghti fid-19 ta' Settembru, 2000 (fol 5 tal-atti) u li bih l-istess Qorti awtorizzat il-korrezzjoni billi l-isem tal-attur jinbidel ghal "Director Staff Development Organisation fl-ufficcju tal-Prim Ministru".

Rat **<u>in-nota tal-eccezzjonijiet</u>** tal-istess konvenut (fol 12 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-eccipjenti ma kienx involut f'ebda incident tat-traffiku fis-6 ta' Jannar 1999 gewwa il-Floriana mall-vettura numru GVN 219 propjeta' tal-atturi u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat **<u>id-digriet</u>** moghti fit-13 ta' Mejju 2002 (fol 15 sa 19 ibid) u li bih gie kjamat fil-kawza <u>Silvio Accarino</u> bin l-istess konvenut originali.

Rat li l-istess kjamat fil-kawza gie notifikat permezz tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara fol

47 “a tergo” u permezz ta’ pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u ohra lokali (ara l-kopja annessi mal-atti).

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet** tal-istess kjamat in kawza (fol 49 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont m’ghandu ghalhekk jigi mhallas lill-atturi u dana billi l-incident tat-traffiku meritu ta’ din il-kawza ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija ta’ John Muscat, is-sewwieq tal-vettura numru GVN 219, li kien qed isuq bla kont u b’manjiera traskurata. Il-vettura numru GVN 219 hija propjeta’ tal-atturi.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat dak verbalizzat a fol 83 ibid kif ukoll semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi, f’dan il-kaz, li hu konness ma’ iehor quddiem din il-Qorti kif presjeduta (Avviz numru 21/00 JAB) giet proposta l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2153 hawn fuq citat.

Illi, f’dan il-kaz, jirrizulta bhala fatt illi l-avviz in esami kien gie intavolat kontra Alfred Accarino il-proprjetarju tal-vettura numru XXS 001 wahda minn dawk involuta fl-incident in esami. Pero rrisulta li filfatt din il-vettura, dejjem involuta fl-istess incident, kienet qed tinsaq minn ibnu Silvio Accarino. Ghalhekk fuq talba tal-istess attur permezz ta’ rikors a fol 15 ibid, il-Qorti awtorizzat, permezz tad-digriet moghti fit-13 ta’ Mejju, 2002, il-kjamata fil-kawza tal-istess Silvio Accarino (ara fol 19 ibid). Sussegwentement, wara diversi differimenti sabiex dan tal-ahhar jigi notifikat (ara wkoll fol 38 ibid), jidher li

din in-notifika saret permezz tal-artikolu 187(3) tal-istess Kapitolu 12 (ara fol 45, fol 47 "a tergo", fol 50 u l-kopja ta' estratt mill-Gazzetta tal-Gvern, fl-ahhar nett tal-atti). In-notifika, permezz ta' dan l-artikoli saret fit-23 ta' Marzu, 2005. Effettivament il-kjamat fil-kawza, deher quddiem din il-Qorti fl-4 t'April, 2005 u ppresenta l-eccezzjonijiet tieghu fosthom dik in esami, fit-8 t'April, 2005 (ara fol 48 u fol 49 ibid).

Illi l-avviz in esami kien gie presentat fil-31 ta' Mejju, 2000 waqt li mill-istess avviz ma jidhirx illi giet presentata xi ittra ufficjali qabel din id-data fil-konfront tal-kjamat fil-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi, wara li sar rijassunt tal-provi in esami dwar din l-eccezzjoni, fl-artikolu 2153 citat mill-kjamat fil-kawza jinghad li fl-azzjonijiet ghad-danni li ma jirrizltawx minn reat huma preskritti bit-trapass ta' sentejn u dan, mill-jum li fih l-azzjoni setghet tigi esebita (ara l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili).

**Ikkunsidrat**

Illi l-kollizjoni in esami sehhet fis-6 ta' Jannar, 1999 u ghalhekk kellu jigi ntavolat xi forma ta' att gudizzjarju sas-6 ta' Jannar, 2001 kontra s-sewwieq involut cjoe Silvio Accarino. Pero dan ma sarx. Filfatt l-azzjoni kontra Silvio Accarino inbdiet meta gie ntavolat ir-rikors a fol 15 tal-atti u l-Qorti awtorizzat il-kjamata fil-kawza tieghu. Sussegwentement, wara li ghadda perjodu ta' zmien pjuttost konsiderevoli, l-avviz in esami gie notifikat lill-istess kjamata fil-kawza permezz tal-procedura skont l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 imsemmi u dan fit-23 ta' Marzu, 2005, kif diga nghad.

**Ikkunsidrat**

Illi ma hemm ebda dubbju illi dan il-kaz trattasi mhux ta' tahrika ta' persuna bl-isem jew kunjom sbaljat izda ta' hrug ta' avviz kontra l-persuna sbaljata. Konsegwentement, l-avviz in esami ma jistax jigi konsidrat

bhala att gudizzjarju li nterrompa it-trapass tal-perjodu ta' preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl u fl-isfond ta' dak premess, l-azzjoni fil-konfront ta' Silvio Accarino ghandha tigi konsidrata bhala preskritta.

**Ikkunsidrat**

Illi in rigward il-konvenut originali, Alfred Accarino, irrisulta li ma gietx kontestata illi dan ma kienx qed jsuq il-vettura numru XXS 001 u li ma kienx involut f'dan l-incident ghalhekk it-talbiet in esami ghandhom jigu michuda fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tichad it-talbiet in esami fil-konfront tal-konvenut, Alfred Accarino.

2. Tiddikjara l-azzjoni fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Silvio Accarino bhala preskritta u estinta.

In rigward l-ispejjes, dawn ghandhom jithallsu, fic-cirkostanzi tal-kaz, minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------